

32006D1010

28.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 379/127

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

**dwar in-non-inklużjoni tal-phosalone fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza**

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 6897)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/1010/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE jstipola li Stat Membru jista', matul perjodu ta' tnaħ-il sena minn notifika ta' dik id-Direttiva, jawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom is-sustanzi attivi mhux elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li huma diġà fis-suq sentejn wara d-data ta' notifika, filwaqt li daww is-sustanzi jkunu qegħdin jiġu eżaminati bil-mod fil-kwadru ta' programm ta' ħidma.
- (2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000<sup>(2)</sup> u (KE) Nru 703/2001<sup>(3)</sup> jstipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tieni stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jstabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati bil-ħsieb ta' l-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista tinkludi l-phosalone.
- (3) Għall-phosalone l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u fuq l-ambjent ġew ivvalutati skond id-dispożizzjonijiet stipulati fir-Regolamenti (KE) Nru 451/2000 u (KE) Nru 703/2001 għal firxa ta' użi proposti min-notifikant. Barra minn hekk, dawn ir-regolamenti jaħtru l-Istati Membri Relaturi li għandhom jippreżentaw ir-rapporti rilevanti ta' valutazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità Ewropea għas-Sikurezza ta' l-Ikel (*European Food Safety Authority* – EFSA)

skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 451/2000. Għall-phosalone l-Istat Membru Relatur kien l-Awstrija u t-tagħrif kollu rilevanti kien ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2004.

- (4) Ir-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-EFSA u kien ippreżentat lill-Kummissjoni fit-13 ta' Jannar 2006 fil-format tal-Konklużjoni ta' l-EFSA fir-rigward tar-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva phosalone<sup>(4)</sup>. Dan ir-rapport ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali u ġie ffinalizzat fl-14 ta' Lulju 2006 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-phosalone.
- (5) Matul il-valutazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. Dan kien il-każ b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqşam mal-gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi, min-ħabba li espożizzjonijiet ivvalutati għall-phosalone ma ntwerewx li kienu aċċettabbli. Barra minn dan, uħud mill-metaboliti u l-impurità tagħha jeħtieġu karatterizzazzjoni tossikoloġika ulterjuri u tħassib ulterjuri ġie identifikat f'dak li għandu x'jaqşam mar-riskju għal għasafar, mammali, organiżmi akwatiċi, naħal u antropodi li mhumiex fil-mira.
- (6) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikant sabiex jippreżenta l-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares* u dwar jekk kienx beħsiebu jappoġġja aktar is-sustanza. Innotifikant ippreżenta l-kummenti tiegħu li ġew eżaminati bir-reqqa. Minkejja dan, minkejja l-argumenti mressqa, it-tħassib imsemmi hawn fuq baqa' mhux solvut, u valutazzjonijiet li saru abbażi tat-tagħrif ippreżentat u vvalutat matul il-laqgħat ta' esperti ta' l-EFSA ma wrewx li wieħed jista' jistenna li, fil-kondizzjonijiet proposti ta' użu, prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-phosalone jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

<sup>(1)</sup> ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/136/KE (ĠU L 349, 12.12.2006, p. 42).

<sup>(2)</sup> ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1044/2003 (ĠU L 151, 19.6.2003, p. 32).

<sup>(3)</sup> ĠU L 98, 7.4.2001, p. 6.

<sup>(4)</sup> Ir-Rapport Xjentifiku EFSA (2006) 60, 1-66, Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tal-phosalone.

- (7) Il-Phosalone għalhekk m'għandux ikun inkluż fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.
- (8) Għandhom jittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-phosalone ikunu rtirati fi żmien preskritt u ma jiġġeddux u li ma jingħatawx awtorizzazzjonijiet ġodda għal prodotti bħal dawn.
- (9) Kull perjodu ta' grazzja għar-rimi, il-ħażna, it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-ħażniet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-phosalone permess mill-Istati Membri, għandu jkun limitat għal perjodu mhux itwal minn tmax-il xahar biex il-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux aktar minn staġun ta' tkabbir ieħor biss.
- (10) Din id-deċizzjoni ma tagħmilx ħsara lil kwalunkwe azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu fi stadju aktar tard għal din is-sustanza attiva fi ħdan il-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE tal-21 ta' Diċembru 1978 li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom ċerti sustanzi attivi, kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 850/2004 <sup>(1)</sup>.
- (11) Din id-deċizzjoni ma tippreġudikax il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal phosalone skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE fid-dawl ta' inklużjoni possibbli fl-Anness I tagħha.
- (12) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Phosalone mgħandhiex tkun inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

- (a) Awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-phosalone jiġu rtirati sat-22 ta' Ġunju 2007.
- (b) Mit-28 ta' Diċembru 2006 ma tingħata jew tiġġedded l-ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jkun fihom il-phosalone taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 3*

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi mhux aktar tard mit-22 ta' Ġunju 2008.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 22 ta' Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 33, 8.2.1979, p. 36. Direttiva hekk kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7, ikkorreġut mill-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 5).